

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2020 – Fashion Energy vs EUIPO – Retail Royalty  
(1st AMERICAN)****(Kawża T-699/20)**

(2021/C 28/90)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* Fashion Energy Srl (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: T. Müller, F. Togo, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Retail Royalty Co. (Las Vegas, Nevada, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea “1st AMERICAN” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 622 078*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 426/2020-4**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni u tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Nru 8 622 078;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra jħallsu l-ispejjeż kollha sostnuti mir-rikorrenti fil-proċeduri.

**Motivi invokati**

- ksur tal-Artikolu 72(6) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni;
- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2020 – Schmid vs EUIPO – Landeskammer für Land- und  
Forstwirtschaft in Steiermark (Steirisches Kürbiskernöl g.g.A GESCHÜTZTE GEOGRAFISCHE  
ANGABE)****(Kawża T-700/20)**

(2021/C 28/91)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet***Rikorrenti:* Gabriele Schmid (Halbenrain, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Ginzburg, Rechtsanwalt)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Landesammer für Land- und Forstwirtschaft in Steiermark (Graz, l-Awstrija)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti*

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Steirisches Kürbiskernöl g.g.A GESCHÜTZTE GEOGRAFISCHE ANGABE bil-kuluri blu, isfar, aħdar, abjad (krema) – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 10 108 454*

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 2186/2019-4*

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(i) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## **Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2020 – Beelow vs EUIPO (made of wood)**

**(Kawża T-702/2020)**

(2021/C 28/92)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

*Rikorrent: Timo Beelow (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Vogtmeier, avukata)*

*Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni “made of wood” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 061 410*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 108/2020-2*

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-kawża kif ukoll għall-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti ta' appell.